# GĦALIEX NEMMEN FL-IŻLAM?



Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad[ra]

# Għaliex Nemmen Fl-Iżlam?

*Din hi silta meħuda mill-kitbiet ta' Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħood Aħmad[ra] - it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as], Fundatur tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam.*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# GĦALIEX NEMMEN FL-IŻLAM?

**Why I Believe in Islam? In Maltese Language**

Traduzzjoni u Editjar minn
Laiq Ahmed Atif u Karl Coleiro

© Islam International Publications Ltd.
L-Ewwel Pubblikazzjoni bil-Malti (2013)
(Meħuda: Anwarul U'lum, v. 15, p. 605-611)
**www.ahmadija.org.mt**

Pubblikazzjoni ta'
**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

**Tel:** +356-27342401 • **Tel:** +356-21322105
**Mob:** +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

Intlabt nagħti raġuni għala jiena nemmen fl-Iżlam. Meta staqsejt lili nnifsi din il-mistoqsija, ir-risposta li wasalt għaliha kienet l-istess bħar-raġuni wara t-twemmin tiegħi f'kull ħaġ'oħra, jiġifieri, il-verità. Tweġiba iktar mirquma kellha tkun dik li fil-fehma tiegħi fil-prinċipji ewlenin ta' kull reliġjon hemm l-eżistenza ta' Alla u r-relazzjoni tal-bniedem Miegħu. Għalhekk, ir-reliġjon li jirnexxilha tistabbilixxi relazzjoni ġenwina bejn Alla u l-bniedem hi reliġjon awtentika, u l-awtentiċità tal-fidi hi raġuni biżżejjed biex wieħed jemmen fiha.

L-Iżlam jafferma li l-Ħallieq ta' dan l-univers hu Alla ħaj li juri lilu nnifsu lill-ħlejjaq Tiegħu f'din l-epoka bl-istess mod kif kien juri lilu nnifsu fiż-żminijiet l-imgħoddija. Din l-affermazzjoni tista' tiġi ppruvata b'żewġ modi. Alla jista' jimmanifesta ruħu direttament għal min qiegħed ifittxu, jew il-fittiex jasal biex jemmen f'Alla billi jistudja l-ħajja ta' dawk li Alla għoġbu jirrevela ruħu lejhom. Bil-grazzja ta' Alla, jien wieħed minn dawk li, f'aktar minn okkażjoni waħda, u b'mod sopranaturali, Alla rrevela ruħu lejhom. Jien m'għandi bżonn tal-ebda raġuni oħra biex nemmen fil-verità tal-Iżlam għax proprju esperjenzajt din il-verità b'mod personali.

Għall-benefiċċju ta' dawk li qatt ma kellhom esperjenza simili, miżjuda mal-esperjenza personali tiegħi, inkompli nisħaq fuq il-bażi li senslet it-twemmin tiegħi fl-Iżlam.

**L-EWWEL NETT**, nemmen fl-Iżlam għar-raġuni li dan ma jġegħelnix naċċetta dawk l-affarijiet li meta magħduda flimkien jissejħu Reliġjon, sempliċement fuq il-bażi tal-awtorità, iżda abbażi tar-raġunijiet konvinċenti li jsostnu d-duttrina tiegħu. L-eżistenza ta' Alla u n-natura tal-kwalitajiet Tiegħu, l-anġli, it-talb u l-effetti Tiegħu, id-digrieti Divini u l-isfera tagħhom, il-qima u l-ħtieġa tagħha, il-liġi

Divina u l-benefiċċji tagħha, ir-rivelazzjoni u l-ħtieġa tagħha, ir-Resurrezzjoni u l-ħajja wara l-mewt, il-ġenna u l-infern – fil-każ ta' kull waħda minn dawn, l-Iżlam jagħti spjegazzjonijiet dettaljati u jistabbilixxi l-verità b'argumenti ċari li kapaċi jifhimhom il-bniedem.

Għalhekk l-Iżlam ma jsaħħaħnix biss bil-fidi, iżda wkoll biċ-ċertezza ta' għerf li jissodisfa l-intellett u jġiegħlu jagħraf il-ħtieġa tar-reliġjon.

**IT-TIENI NETT**, nemmen fl-Iżlam għax dan mhuwiex imsejjes fuq l-esperjenzi ta' nies li mietu, iżda jistieden lil kull wieħed minna għal esperjenza personali li tgħallem u tassigura. Jafferma li kull verità tista', b'xi mod jew ieħor, tiġi ppruvata f'din id-dinja, u b'hekk tissodisfa r-raġuni tiegħi.

**IT-TIELET NETT**, nemmen fl-Iżlam għax jgħallem li ma jistax ikun hemm kunflitt bejn il-kelma u l-ħidma ta' Alla. B'hekk, iħoll il-kunflitt mistenni bejn ix-xjenza u r-reliġjon. L-Iżlam ma jitlobnix biex ninjora l-liġijiet tan-natura u biex nemmen fi ħwejjeġ li huma l-kuntrarju. Minflok, iħeġġiġni biex nitgħallem il-liġijiet tan-natura u nikseb benefiċċju minnhom. Jgħallimni li billi r-rivelazzjoni ġejja minn Alla u Hu huwa l-Ħallieq tal-Univers, ma jistax ikun hemm kunflitt bejn dak li Jagħmel u dak li Jgħid. Għalhekk, jistedinni biex nifhem ir-rivelazzjoni Tiegħu - nistudja Ħidmietu, u nifhem l-importanza ta' Xogħlu - nistudja l-kelma Tiegħu, biex b'hekk inkun nista' nissodisfa l-għatx intellettwali tiegħi.

**IR-RABA'**, nemmen fl-Iżlam għax dan ma jfittixx li jkisser ix-xewqat naturali tiegħi, iżda jiggwidahom fid-direzzjoni t-tajba. Aktar minn hekk, ma jfarrakhomlix u jirriduċini f'ġebla; lanqas jirriduċini f'annimal billi ma jikkontrollahomlix, iżda, bħal espert tal-irrigazzjoni li jħażżem l-ilmijiet u jiddireġihom fil-kanali tal-irrigazzjoni, b'hekk, ibiddel art niexfa f'waħda fertili; l-Iżlam jibdel b'kontroll u gwida xierqa x-xewqat naturali tiegħi fi prinċipji morali għolja.

L-Iżlam ma jgħidlix - Alla tak qalb li taf tħobb iżda mbagħad ma

jippermettilekx issib is-sieħeb/sieħba ta' ħajtek, jew li żejnek bis-sens tat-togħma u l-kapaċità li tapprezza l-ikel tajjeb, iżda mbagħad jipprojbik milli tiekol dan l-ikel. Bil-kontra, jgħallimni nħobb b'qalbi u bis-sewwa biex it-twettiq tar-riżoluzzjonijiet tajba tiegħi jiġu mħarsa permezz ta' wliedi. Jippermettini niekol b'kontroll ikel tajjeb biex ma nimteliex jien u l-ġar tiegħi jibqa' bil-ġuħ. Bit-trasformazzjoni tax-xewqat naturali tiegħi fi kwalitajiet morali għolja l-Iżlam jissodisfa l-umanità tiegħi.

**IL-ĦAMES**, nemmen fl-Iżlam għar-raġuni li dejjem tratta b'ġustizzja u mħabba mhux biss lili iżda wkoll lid-dinja kollha. Jgħallimni naqdi dmirijieti fil-ħin li jinsisti wkoll li għandi nimxi b'ġustizzja ma' kulħadd. Għal dan il-għan jipprovdini bi gwida xierqa.

Ngħidu aħna, jinsisti fuq id-drittijiet tal-ġenituri u d-dmirijiet li għandhom lejhom l-ulied. Iwissi lill-ulied biex iġibu ruħhom mal-ġenituri tagħhom b'ubbidjenza u bi ħlewwa, u lil tal-ewwel għamilhom werrieta ta' dak li jistgħu jħallu lil tal-aħħar. Mill-banda l-oħra, jitlob l-imħabba u l-affezzjoni mill-ġenituri lejn l-ulied u jimponi fuqhom l-obbligu tat-trobbija tajba, bit-trawwim xieraq ta' kwalitajiet tajba u bil-ħarsien ta' saħħithom. Lill-ulied għamilhom ukoll werrieta tal-ġenituri tagħhom.

Bl-istess mod, iħeġġeġ li jkun hemm l-aqwa relazzjoni bejn il-miżżewġin u jistenna li kull parti tieħu ħsieb tal-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tal-parti l-oħra. Jistenna wkoll li ż-żewġ naħat iġibu ruħhom b'mod affettiv ma' xulxin. Dan esprimieh b'mod sabiħ il-Fundatur Qaddis[sa] tal-Iżlam meta qal:

"Raġel li jittratta ħażin 'il-mara tiegħu matul il-ġurnata u jħobbha matul il-lejl, ikun qed jikkontradixxi kompletament is-sbuħija tan-natura umana."

Qal ukoll:

"L-aqwa fostkom huma dawk li jittrattaw l-aħjar in-nisa tagħhom."[1]

Kompla:

"Il-mara hi fraġli, bħall-ħġieġ, u għalhekk l-irġiel għandhom jittrattaw lill-mara b'delikatezza u tenerezza daqslikieku qed imissu oġġett tal-ħġieġ."[2]

L-Iżlam jagħmel enfasi kbira fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bniet. Il-Qaddis Profeta[sa] qal:

"Persuna li trabbi sew lil bintha u tagħtiha taħriġ u edukazzjoni tajba, tikseb il-Ġenna."[3]

L-Iżlam għamel mill-ulied il-bniet werrieta tal-ġenituri tagħhom bħal ulied is-subien.

Għal darb'oħra, issottometta regoli ġusti għall-gwida tal-ħakkiema u tal-maħkumin. Jgħid lill-ħakkiema li l-awtorità fdata lilhom mhix propjetà privata tagħhom iżda hi responsabiltà li l-obbligi tagħha għandhom jintużaw sew b'konsultazzjoni sħiħa man-nies. Jgħid lill-maħkuma, is-setgħa li tagħżlu lill-ħakkiema tagħkom ingħatatilkom bħala rigal minn Alla u intom għalhekk għandkom tagħżlu lil dawk li verament jixraqilhom[4]; u wara li tafdaw din l-awtorità f'idejhom, għandkom tagħtuhom il-koperazzjoni kollha tagħkom u ma tirribellawx kontrihom, għax jekk tagħmlu hekk, tkunu qed tħottu dak li bnejtu intom stess.

L-Iżlam jirregola wkoll id-drittijiet u d-dmirijiet ta' min jimpjega u l-impjegat. Jgħid lil min jimpjega: trid tagħti lill-ħaddiema tiegħek dak li jmisshom saħansitra qabel ma l-għaraq jibda jinxef fuq ħaddejhom[5], u ma għandekx tħares b'disprezz lejn dawk li jaħdmulek, għax dawn huma ħutek li Alla għoġbu jafda f'idejk u huma r-raġuni ewlenija wara l-ġid tiegħek. Għandek, għalhekk, ma tfittixx li teqred dak li jsostnik u jagħtik poter. Jgħid lill-ħaddiem: meta tiġi mqabbad tagħmel biċċa xogħol għal xi ħadd, għandek tħares l-obbligi tiegħek b'onestà, attenzjoni u diliġenza.

Jgħid lil dawk li ġew mogħnija b'abbundanza ta' saħħa fiżika, li m'għandhomx jgħakksu lil dawk li huma dgħajfa jew jistmerru lil dawk li jbatu minn xi difett fiżiku; għax dawn għandhom iqanqlu fina sens ta' ħniena u mhux stmerrija.

Jgħid lis-sinjuri: intom ġejtu fdati bl-obbligu li tħarsu lill-fqir u għandkom twarrbu wieħed minn kull erbgħin ta' dak li taqilgħu kull sena biex dan ikun jista' jintuża biex jittaffa l-fqar u t-tbatija, u għall-avvanz ta' dawk li m'għandhomx il-mezzi biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom. Jgħallimhom biex ma jgħollux il-livell tal-faqar bis-self ta' flus bl-imgħax, iżda l-foqra għandhom jiġu megħjuna bl-għoti ta' rigali u self bla interessi. Dan jagħmlu billi juri li l-ġid ma jingħatax lill-bniedem biex ikun jista' jgħix ħajtu kollha fil-lussu iżda għall-avvanz tal-umanità kollha, u għalhekk jixraqlu l-aqwa premju f'din id-dinja u fl-oħra.

Mill-banda l-oħra, jgħallem lill-foqra biex ma jħarsux bil-għira u bix-xenqa lejn dak li ngħata lil ħaddieħor, għax dawn il-ħsus itappnu l-moħħ u jfixklu lill-persuna milli tiżviluppa kwalitjiet tajba bħal dawk li tippossedi. B'hekk, iħeġġeġ lill-foqra biex jiffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq l-iżvilupp fl-oħrajn ta' dawk it-talenti li huma għandhom biex b'hekk dawn jimxu 'l quddiem sew. L-Iżlam jiggwida lill-gvernijiet biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-faxex l-iktar foqra tas-soċjetà u biex ma jippermettux li l-ġid u l-poter ikunu f'idejn numru limitat ta' persuni.

Ifakkar lil dawk li l-antenati tagħhom baqgħu mfakkra għad-dinjità u l-unur fl-isforzi nobbli tagħhom, li bl-isforzi tagħhom għandhom id-dmir li jkomplu din id-dinjità u dan l-unur, filwaqt li jwissihom li m'għandhomx iħarsu b'disprezz lejn dawk li ma ngħatawx dawn il-grazzji, għax Alla ħalaq lil kulħadd l-istess. Ifakkarhom li Alla, li għoġbu jagħtihom dawn il-grazzji, jekk irid jista' jagħti grazzji ikbar lil ħaddieħor u jekk jabbużaw mill-pożizzjoni li ngħataw u jittrasgredixxu kontra dawk inqas mogħnija, ikunu qegħdin jiżirgħu ż-żerriegħa għal trasgressjonijiet fil-konfront tagħhom minn dawk

li issa qed isofru minn dawn l-inġustizzji. Għalhekk m'għandhomx jiftaħru bil-kobor tagħhom imma għandhom ifittxu s-sodisfazzjon fl-għajnuna li jagħtu lill-oħrajn biex dawn jikbru; għax kbir tabilħaqq hu dak li jirnexxilu jerfa' mill-miżerja lil ħutu.

L-Iżlam jgħallem li l-ebda nazzjon m'għandu jiżbalja fil-konfront ta' nazzjon ieħor, u li n-nazzjonijiet u l-istati għandhom jikkoperaw bejniethom bil-għan li jintlaħqu l-interessi tal-bnedmin kollha. Jipprojbixxi nazzjonijiet, stati u individwi milli jingħaqdu bil-ħsieb li jwettqu ħsara fil-konfront ta' nazzjonijiet, stati u individwi oħrajn. Mill-banda l-oħra, jgħallem li nazzjonijiet, stati u individwi għandhom jagħmlu patt bejniethom bil-għan li jrażżnu 'l xulxin f'każ ta' atti ta' aggressjoni u jikkoperaw bejniethom biex itejbu l-qagħda ta' dawk inqas ixxurtjati.

Fil-qosor, insib li l-Iżlam joffrili u lil kull min jixtieq iterraq fil-mogħdija tiegħu - huma min huma u huma fejn huma, kundizzjonijiet ta' paċi u serħan. Fi kwalunkwe pożizzjoni nqiegħed lili nnifsi, insib li l-Iżlam hu utli u ta' benefiċċju għalija, għall-ġirien tiegħi, għan-nies li ma nafx u li qatt ma smajt bihom, għan-nisa u għall-irġiel, għax-xjuħ u għaż-żgħażagħ, għal min iħaddem u għall-impjegat, għas-sinjur u għall-fqir, għan-nazzjonijiet il-kbar u għaż-żgħar, għall-internazzjonalisti u għan-nazzjonalisti, u li joħloq relazzjoni ċerta u soda bejni u bejn il-Ħallieq tiegħi.

Nemmen fih u kif nista' tabilħaqq ma nemminx iktar fih u naċċetta xi ħaġa oħra minfloku!

---

## REFERENZI

1. *Ibni Majah, Kitabun-Nikah, Bab Husne Mua'ashratun-Nisa*
2. *Bukhari Kitabul-Adab, Bab Al-Ma'areezo mandooha aanal-kazeb*
3. *Tirmidhi, Kitabul-Birr was-Sila, Bab ma ja'a fin-nafaqah alal-Banat*
4. "Alla tabilħaqq jordnalkom li għandkom tgħaddu l-fiduċja biss lil dawk li huma intitolati għaliha, u meta tiġġudikaw għandkom tagħmlu dan b'ġustizzja u onestà. Tabilħaqq ma hawnx aħjar mit-twissija ta' Alla! Tabilħaqq Alla jisma' kollox u jara kollox." (Il-Koran Imqaddes, 4:59)
5. *Ibni Majah, Kitabur-Rahoon, Bab ajrul-ajrae*

Lealtà

Ħelsien

Rispett

Ugwaljanza

Paċi

IMĦABBA
GĦAL KULĦADD
MIBEGĦDA
GĦAL ĦADD

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

**"Why I Believe in Islam?"**
by Hazrat Mirza Bashir-ud-Din Mahmood
Ahmad, Khalifatul-Masih II[ra] (1889-1965)
**In Maltese Language.**

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org